

Brussell, 2 ta' Diċembru 2022
(OR. en)

15255/22

POLMAR 76
POLGEN 155
CONUN 302
COMAR 58
MARE 68
MAR 218
TRANS 742
ENER 633
ENV 1208
SUSTDEV 205
PECHE 478

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani - Approvazzjoni

Fil-laqgħa tiegħu tal-14 ta' Settembru u l-vidjokonferenzi informali tad-19 ta' Ottubru u tal-15 ta' Novembru 2022, il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Marittimi - Politika Marittima Integrata eżamina t-test tal-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani mħejji mill-Presidenza. It-test finali li rriżulta minn dawn id-diskussjonijiet u ġie approvat mill-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Marittimi permezz ta' konsultazzjoni informali bil-miktub fit-28 ta' Novembru 2022 jinsab fl-Annexx għal din in-nota.

Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-ftehim li ntlaħaq dwar dan l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani u jirrakkomanda lill-Kunsill japprovahom bħala punt "A" fil-laqgħa tal-Kunsill Affarjiet Ġenerali tat-13 ta' Diċembru 2022.

Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani
għal oċeani u ibħra sikuri, siguri, nodfa, sani u ġestiti b'mod sostenibbli

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR:

- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Politika Marittima Integrata tat-8 ta' Diċembru 2008, tas-16 ta' Novembru 2009, tal-14 ta' Ġunju 2010, tad-19 ta' Diċembru 2011, tal-11 ta' Diċembru 2012, tal-25 ta' Ġunju 2013 u tal-24 ta' Ġunju 2014¹;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Il-governanza internazzjonali tal-oċeani: aġenda għall-futur tal-oċeani tagħna" tat-3 ta' April 2017²;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Popli Indiġeni tal-15 ta' Mejju 2017³;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-reviżjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Istrateġija dwar is-Sigurtà Marittima tal-Unjoni Ewropea (EUMSS) tas-26 ta' Ġunju 2018⁴;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-azzjoni tal-UE biex jissaħħaħ il-multilateraliżmu bbażat fuq ir-regoli, tas-17 ta' Ġunju 2019⁵;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Oċeani u l-Ibħra tad-19 ta' Novembru 2019⁶;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-politika tal-UE dwar l-Artiku tad-9 ta' Diċembru 2019⁷;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Nibnu Ewropa sostenibbli sal-2030 - Progress s'issa u l-passi li jmiss" tal-10 ta' Diċembru 2019⁸

¹ 16503/1/08 REV1, 15175/1/09 REV1, 10300/10, 18279/11, 16553/12 + COR1, 10790/13 u 11204/14

² 8029/17

³ 8814/17

⁴ 10494/18

⁵ 10341/19

⁶ 14249/19

⁷ 14952/19

⁸ 14835/19

- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-"Settur tat-Trasport fuq l-Ilma tal-UE - Prospettiva futura: Lejn Settur tat-Trasport fuq l-Ilma tal-UE b'livell newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju, l-ebda aċċident, awtomatizzat u kompetittiv" tal-5 ta' Ġunju 2020⁹;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt tad-19 ta' Ottubru 2020¹⁰;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Il-bijodiversità - il-ħtieġa għal azzjoni urġenti tat-23 ta' Ottubru 2020¹¹;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Diplomazija dwar il-Klima u l-Enerġija - It-twettiq tad-dimensjoni esterna tal-Patt Ekoloġiku Ewropew tal-25 ta' Jannar 2021¹²;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ekonomija blu sostenibbli: saħħa, għarfien, prosperità, ekwità soċjali tas-26 ta' Mejju 2021¹³;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima – l-Istrateġija l-għda tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima" tal-10 ta' Ġunju 2021¹⁴;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sigurtà marittima tat-22 ta' Ġunju 2021¹⁵;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Ilma fl-Azzjoni Esterna tal-UE tad-19 ta' Novembru 2021¹⁶;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Diplomazija tal-UE dwar il-Klima: naċċelleraw l-implimentazzjoni tal-eżiti ta' Glasgow tat-28 ta' Frar 2022¹⁷;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Missjonijiet Ewropej" tal-10 ta' Ġunju 2022¹⁸;
- fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-linji gwida strateġiċi l-għda tal-UE dwar l-akkwakultura tat-18 ta' Lulju 2022¹⁹;

⁹ 8648/20

¹⁰ 12099/20

¹¹ 12210/20

¹² 5263/21

¹³ 9153/21

¹⁴ 9419/21

¹⁵ 9946/21

¹⁶ 14108/21

¹⁷ 6120/22 COR1

¹⁸ 10124/22

¹⁹ 11496/22

- fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tnejn għas-27 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima tal-24 ta' Ottubru 2022²⁰;
 - fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika tal-24 ta' Ottubru 2022²¹;
1. JILQA' B'SODISFAZZJON is-suċċess u l-eżiti tat-Tieni Konferenza tan-NU dwar l-Oċeani kif ukoll ir-Risoluzzjoni tan-NU A/RES/76/296 tal-21 ta' Lulju 2022 li tapprova d-Dikjarazzjoni bit-titolu "L-oċean tagħna, il-futur tagħna, ir-responsabbiltà tagħna" adottata mit-Tieni Konferenza tan-NU dwar l-Oċeani ("id-Dikjarazzjoni ta' Liżbona") li tniedi kapitolu internazzjonali ġdid għall-azzjoni fir-rigward tal-oċeani; JAPPELLA għall-implimentazzjoni sħiħa tagħha u JISSOTTOLINJA, f'dan ir-rigward, il-lista ta' impenji volontarji ppreżentata mill-UE u l-Istati Membri tagħha; JILQA' B'SODISFAZZJON ukoll l-"Impenji ta' Brest għall-Oċeani" meħuda fis-Summit "One Ocean" fi Frar 2022, l-organizzazzjoni tad-Disa' Konferenza "L-Oċean Tagħna" mill-Greċja fl-2024 u l-proposta ta' Franza u tal-Costa Rica li jospitaw il-Konferenza dwar l-Oċeani li jmiss tan-NU fl-2025;
 2. JIBQA' ferm allarmat mill-emerġenza globali li qed jiffaċċa l-oċean u l-falliment kollettiv li sal-2020 jintlaħqu l-miri tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli ("SDG") 14.2, 14.4 u 14.5 skont l-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli; JILQA' B'SODISFAZZJON id-dikjarazzjoni ministerjali tas-segment ta' livell għoli tas-sessjoni tal-2022 tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tan-NU u l-Forum Politiku ta' Livell Għoli dwar l-Iżvilupp Sostenibbli li tafferma mill-ġdid bil-qawwa l-impenn li l-oċeani, l-ibħra u r-riżorsi tal-baħar jiġu kkonservati u użati u ġestiti b'mod sostenibbli u li tittieħed azzjoni deċiżiva u urġenti, billi tiżdied l-azzjoni fir-rigward tal-oċeani sabiex titħaffef l-implimentazzjoni tal-miri kollha ta' SDG 14;

²⁰ 13994/22

²¹ 13975/22

3. JISSOTTOLINJA l-interkonnessjonijiet u s-sinerġiji bejn SDG 14 u SDGs oħra b'mod partikolari SDG 2 dwar is-sigurtà alimentari, SDG 6 dwar l-ilma nadif, SDG 7 dwar l-enerġija affordabbli u nadifa, SDG 8 dwar ix-xogħol deċenti u t-tkabbir ekonomiku, SDG 12 dwar il-konsum u l-produzzjoni sostenibbli, SDG 13 dwar it-tibdil fil-klima, SDG 15 dwar il-ħajja fuq l-art u SDG 17 dwar il-partenarjati biex jintlaħqu l-għanijiet; IFAKKAR fil-ħtieġa ta' approċċ trażversali biex jintlaħqu l-miri assenjati ta' dawn l-SDGs inkluż l-enfasi fuq il-pajjiżi l-anqas żviluppati u l-Istati gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw;
4. JILQA' B'SODISFAZZJON il-preżentazzjoni tal-Komunikazzjoni konġunta dwar l-aġenda tal-UE dwar il-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani: "Inwittu t-triq lejn pjaneta blu sostenibbli"²², f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew li turi l-involviment qawwi tal-UE u tal-Istati Membri tagħha fir-rigward tal-oċean; JENFASIZZA li din l-aġenda hija parti mir-rispons tal-UE għall-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli;
5. IFAKKAR li ekonomija blu sostenibbli, kompetittiva u innovattiva hija parti integrali minn approċċ komprensiv u transsettorjali għall-governanza tal-oċeani; JIRRIKONOXXI li t-teknoloġiji innovattivi huma mutur vitali għat-tranżizzjoni lejn ekonomija blu sostenibbli u l-ħolqien ta' impjiegi ekoloġiċi;
6. JIRRIKONOXXI li żieda fl-investimenti privati u pubbliċi hija essenzjali għat-tranżizzjoni lejn governanza integrata u sostenibbli tal-oċeani u ekonomija blu fl-UE u globalment; JISĦAQ fuq l-importanza ta' strumenti finanzjarji sostenibbli fil-promozzjoni u t-tmexxija ta' din it-tranżizzjoni; JILQA' B'SODISFAZZJON il-ħidma mill-UNEP-FI biex tibni fuq il-Prinċipji tal-Finanzi tal-Ekonomija Blu Sostenibbli kif ukoll it-tnedija tat-tieni stadju tal-inizjattiva BlueInvest, tas-sħubija għal ekonomija blu sostenibbli taħt il-programm Orizzont Ewropa u tal-inizjattiva l-ġdida tal-Ekonomija Blu InvestEU;
7. JAFFERMA MILL-ĠDID l-impenn qawwi tal-UE u tal-Istati Membri tagħha li jkollhom rwol ewlieni fl-isforz globali għall-protezzjoni, il-konservazzjoni, ir-restawr, u l-użu sostenibbli u ekwu tal-oċean globali permezz ta':

²² JOIN(2022) 28final

I. It-tisħiħ tal-qafas ta' governanza internazzjonali tal-oċeani

8. JAFFERMA MILL-ĠDID li, kif iddikjarat fir-Riżoluzzjoni A/RES/76/72 tan-NU tal-21 ta' Diċembru 2021, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS) tiddefinixxi l-qafas legali li fih iridu jitwettqu l-attivitajiet kollha li jsiru fl-oċeani u l-ibħra; u JTENNI wkoll li l-involviment internazzjonali permezz ta' multilateraliżmu b'saħħtu bbażat fuq ir-regoli huwa kruċjali biex jinkisbu riżultati sinifikattivi fit-titjib tal-governanza internazzjonali tal-oċeani;
9. JIEĦU NOTA tal-progress deċiżiv miksub matul l-ewwel parti tal-Ħames Sessjoni tal-Konferenza Intergovernattiva (IGC-5) lejn strument internazzjonali legalment vinkolanti fl-ambitu tal-UNCLOS dwar il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-diversità bijoloġika tal-baħar lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali ("BBNJ"); IFAĦĦAR ir-rwol tal-Koalizzjoni ta' Ambizzjoni Għolja dwar il-Bijodiversità Lil Hinn mill-Ġuriżdizzjoni Nazzjonali fformata fis-Summit "One Ocean" u tal-Mexxejja Blu fil-mobilizzazzjoni għal trattat ambizzjuż; JITLOB li n-negozjati jiġu ffinalizzati malajr u JTENNI l-impenn li juża l-pressjoni diplomatika u l-kapaċitajiet diplomatiċi kollha ta' influwenza u kuntatt tal-UE bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim ambizzjuż u effettiv mingħajr dewmien;
10. JAFFERMA MILL-ĠDID li waħda mill-prijoritajiet għal governanza internazzjonali tal-oċeani li tkun effiċjenti u effettiva hija li jissaħħu u jiġu kkoordinati l-istrumenti internazzjonali u reġjonali multilaterali eżistenti taħt il-UNCLOS, bl-għan ta' kooperazzjoni reċiproka aħjar u koerenza mtejba; IQIS li l-UE u l-Istati Membri tagħha, b'mod partikolari permezz tal-azzjonijiet diplomatiċi tagħhom, għandhom jenfasizzaw il-ħtieġa tat-titjib tal-monitoraġġ u l-konformità mal-miżuri maqbula fil-qafas tal-governanza internazzjonali tal-oċeani taħt il-UNCLOS;

11. JAPPELLA lill-UE u lill-Istati Membri biex jieħdu u jappoġġaw azzjonijiet, abbażi tal-kompetenzi rispettivi tagħhom, biex jiżguraw fil-livelli bilaterali u multilaterali li l-Istati kollha jirrispettaw l-obbligi internazzjonali tagħhom, b'mod partikolari dawk li jaġixxu bħala reġistri miftuħa, kif stabbiliti fil-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti;
12. JENFASIZZA r-rwol tal-Ippjanar Spazjali Marittimu (MSP), imsejjes fuq approċċ ta' ġestjoni bbażat fuq l-ekosistemi, biex jappoġġa l-kisba tal-miri ta' konservazzjoni u restawr, fil-mitigazzjoni u l-minimizzazzjoni tal-impatti dannużi tal-attivitajiet tal-bniedem fiż-żoni kostali u lil hinn mill-kosta, kif ukoll il-kontribut tiegħu għal ekonomija blu kompetittiva u sostenibbli; JIRRIKONOXXI li l-UE u l-Istati Membri tagħha kisbu esperjenza sinifikanti f'dan il-qasam u JIEĦU NOTA tal-progress miksub permezz tal-Inizjattiva MSP global; f'dan ir-rigward, JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni biex tnedi pjan direzzjonali konġunt ġdid ta' ħames snin mal-Kummissjoni Oċeanografika Intergovernattiva tal-UNESCO (IOC-UNESCO) biex tipromwovi l-MSP madwar id-dinja;

Protezzjoni u konservazzjoni tal-bijodiversità tal-baħar

13. JIBQA' mħasseb ħafna dwar it-twettiq limitat tal-Miri ta' Aichi skont il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika; IFAKKAR fil-messaġġi ta' urġenza għal bidla trasformattiva fir-Rapport ta' Valutazzjoni Globali tal-2019 mill-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi (IPBES) u JILQA' B'SODISFAZZJON ir-rapport il-ġdid tagħha dwar il-Valutazzjoni tal-Valuri, li jissottolinja l-ħtieġa li l-valuri tad-diversità tan-natura jiġu integrati fid-deċiżjonijiet politiċi u ekonomiċi, kif ukoll ir-rapport il-ġdid tagħha dwar l-Użu Sostenibbli, li jitlob sforzi aktar b'saħħithom għall-ġestjoni tal-ispeċijiet selvaġġi; JINSISTI li jittieħed kont tar-rakkomandazzjonijiet ta' dawn ir-rapporti u li l-valuri tad-diversità tan-natura jiġu integrati fid-deċiżjonijiet politiċi u ekonomiċi;

14. JITLOB l-adozzjoni ta' qafas globali tal-bijodiversità għal wara l-2020 li jkun ambizzjuż, komprensiv u trasformattiv fit-tieni parti tal-ħmistax-il Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika bil-ħsieb li tiġi skattata azzjoni urġenti u trasformattiva biex jitwaqqaf u jitreġġa' lura t-telf tal-bijodiversità u biex tinkiseb dinja li tkun in-natura sal-2030, inkluż l-oġettivi tal-konservazzjoni ta' mill-inqas 30 % globalment tal-oċeani permezz ta' networks ta' żoni tal-baħar protetti (MPA) ġestiti b'mod effettiv u rregolati b'mod ekwu, ekoloġikament rappreżentattivi u konnessi tajjeb, kif ukoll miżuri effettivi oħra ta' konservazzjoni bbażati fuq iż-żona (OECM);
15. IFAKKAR fir-Riżoluzzjoni NU 61/295 tat-13 ta' Settembru 2007 li tadotta d-Dikjarazzjoni dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni; JIRRIKONOXXI r-rwol importanti li għandhom il-popli indiġeni bħala detenturi ta' għarfien indiġenu tal-ekosistemi tal-baħar; JIBQA' impenjat li, meta jieħu azzjoni favur il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli, jappoġġa u jippromwovi l-parteċipazzjoni u l-kooperazzjoni mal-komunitajiet indiġeni u lokali u l-involviment tagħhom;
16. JENFASIZZA li l-istrument sovrastanti għall-protezzjoni tal-baħar fi ħdan l-Unjoni Ewropea jibqa' d-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (MSFD) li bħalissa qiegħda tiġi rieżaminata; JISSOTTOLINJA li l-istrumenti settorjali rilevanti għandu jkollhom l-għan ta' implimentazzjoni aktar effettiva u integrata tal-oġettivi tal-MSFD bħala kwistjoni ta' urġenza sabiex jinkiseb Status Ambjentali Tajjeb mill-aktar fis;

17. JAPPOĠĠA l-ħidma importanti li saret minn Stati Membri tal-UE fil-qafas tal-Awtorità Internazzjonali ta' Qiegħ il-Baħar (ISA) biex jiġi stabbilit reġim regolatorju sod dwar l-estrazzjoni minerarja minn fond il-baħar potenzjali fil-futur li hija bbażata fuq il-prinċipju ta' prekawzjoni kif ukoll fuq l-ogħla standards ambjentali u għarfien xjentifiku suffiċjenti, sabiex jiġi żgurat li din l-attività ma tikkawżax effetti ta' ħsara lill-ambjent tal-baħar fiż-Żona, kif definit mill-UNCLOS;
18. JISĦAQ fuq il-ħtieġa li jissaħħaħ l-għarfien xjentifiku dwar il-baħar fond u b'mod speċjali JAPPOĠĠA l-"Inizjattiva għall-Għarfien dwar Qiegħ il-Baħar Sostenibbli" biex jissaħħaħ il-pedament xjentifiku tal-protezzjoni u l-ġestjoni ambjentali fir-reġjuni vasti tal-baħar fond lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali f'konformità mal-Pjan tal-ISA adottat fl-2020 u l-Azzjonijiet tad-Deċennju tan-NU fir-rigward tal-Oċeani biex tiġi avvanzata r-riċerka xjentifika tal-baħar fiż-Żona; JIEĦU NOTA b'sodisfazzjon li din l-inizjattiva hija appoġġata finanzjarjament mill-UE;
19. JENFASIZZA l-politika aġġornata dwar impenn aktar b'saħħtu tal-UE għal Artiku paċifiku, sostenibbli u prosperu²³ u JILQA' B'SODISFAZZJON id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim għall-Prevenzjoni tas-Sajd mhux Regolat fl-Ibħra Miftuħa fl-Oċean Artiku Ċentrali; JAFFERMA MILL-ĠDID l-impenn tiegħu li jimplementa l-Ftehim b'mod sħiħ;
20. JAPPOĠĠA l-protezzjoni tal-bijodiversità tal-baħar fl-Artiku, inkluż, fost għodod oħra, permezz tad-deżinjazzjoni ta' MPAs u miżuri ta' konservazzjoni effettivi oħra bbażati fuq iż-żona, li jindirizzaw il-perssonijiet fl-Oċean Artiku minn organizzazzjonijiet u strumenti rilevanti, bħall-Kunsill tal-Artiku, l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) u l-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent Marin tal-Atlantiku tal-Grigal;
21. JIBQA' impenjat li jagħmel kull sforz biex jintlaħaq ftehim mill-aktar fis dwar id-deżinjazzjoni ta' tliet MPAs vasti ġodda fl-Oċean tan-Nofsinhar, b'mod partikolari fil-Baħar ta' Weddell, fil-Lvant tal-Antartika u madwar il-Peniżola tal-Antartiku tal-Punent;

²³ JOIN(2021) 27 final

Sajd u akkwakultura sostenibbli

22. JILQA' B'SODISFAZZJON ir-riżultati ta' suċċess tat-12-il Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ relatati ma' elementi importanti tal-konklużjoni tant mistennija tal-Ftehim storiku dwar is-sussidji tas-sajd f'konformità ma' SDG 14.6 tan-NU, li għandu l-għan li jindirizza s-sussidji ta' ħsara u li jirrappreżenta pass kbir 'il quddiem għas-sostenibbiltà tal-oċeani; JINSISTI li tiġi żgurata l-implimentazzjoni sħiħa tiegħu u JITLOB li l-Ftehim jitlesta mill-aktar fis fir-rigward tal-elementi li għadhom ma' għewx miftiehma li jikkonċernaw is-sussidji fuq kapaċità żejda u sajd eċċessiv; JAPPOĠĠA l-isforzi tal-Kummissjoni biex tikkonkludi ftehim ambizzjuż, filwaqt li tibqa' konformi mal-politiki rilevanti tal-UE li jiżguraw sajd sostenibbli;
23. JISSOTTOLINJA l-fatt li l-finanzjament pubbliku fil-qafas tal-Politika Komuni tas-Sajd huwa faċilitatur ewlieni għas-sajd sostenibbli u l-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar u li huwa definit u implimentat b'mod li ma jikkontribwixxix għal kapaċità żejda u sajd eċċessiv;
24. JAFFERMA MILL-ĠDID il-pożizzjoni tal-UE ta' tolleranza zero fir-rigward tas-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU) u l-impenn tagħha li ttejjem is-sajd IUU f'konformità ma' SDG 14.4; JAPPOĠĠA f'dan ir-rigward l-iżvilupp ta' għodod xierqa tal-IT b'appoġġ għall-iskema ta' ċertifikazzjoni tal-qabda tal-UE u d-djalogi dwar is-sajd IUU ma' pajjiżi mhux tal-UE, kooperazzjoni internazzjonali u multilaterali msaħħa, inkluż il-promozzjoni tar-ratifika u l-implimentazzjoni universali tal-Ftehim tal-FAO dwar il-Miżuri tal-Istat tal-Port, it-twettiq tal-obbligi internazzjonali tal-Istati tal-bandiera b'mod partikolari minn dawk li jaġixxu bħala reġistri miftuħa, l-adeżjoni mal-linji gwida volontarji tal-FAO dwar it-trażbord, mekkaniżmi effettivi kontra l-IUU fl-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMO) kollha, żieda fit-trasparenza u t-traċċabbiltà, kondivizzjoni u infurzar tal-informazzjoni, kif ukoll monitoraġġ, kontroll u sorveljanza aktar b'saħħithom;

25. JENFASIZZA l-importanza li tissaħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali fil-ġestjoni tas-sajd billi jissaħħaħ ir-rwol ewlieni tal-RFMOs fil-qafas tal-Ftehim tan-NU dwar l-Istokkijiet tal-Ħut (UNFSA) u JISTENNA B'INTERESS l-eżitu tal-Konferenza ta' Reviżjoni tal-UNFSA fl-2023; JAFFERMA MILL-ĠDID l-impenn tal-UE li tkompli tinsisti għall-evoluzzjoni tal-Korpi Reġjonali tas-Sajd f'RFMOs, b'mod partikolari l-Kumitat tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Lvant u l-Kummissjoni tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Punent;
26. JENFASIZZA l-hteġa li jiġu appoġġati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni kif ukoll ktajjen tal-valur responsabbli u sostenibbli fil-livell internazzjonali kemm fis-sajd kif ukoll fil-kummerċ ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura sabiex tinżamm il-kompetittività tal-industrija filwaqt li tinżamm is-sovranià alimentari tal-UE f'konformità mal-politika l-ġdida tal-UE dwar politika kummerċjali miftuħa, sostenibbli u assertiva kif ukoll mal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt";
27. JIRRIKONOXXI li l-akkwakultura sostenibbli tikkontribwixxi għall-kisba tal-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tal-inizjattiva tat-Trasformazzjoni Blu tal-istrateġija tal-FAO 2022-2031 kif ukoll għas-sigurtà alimentari tal-UE; JIEĦU NOTA tal-ħidma li għaddejja tal-FAO dwar il-Linji Gwida dwar l-Akkwakultura Sostenibbli u JAPPELLA għall-finalizzazzjoni rapida ta' linji gwida ambizzjużi u komprensivi li jikkonsolidaw l-għodod u l-aħjar prattiki kollha disponibbli, u li jipprovdu mogħdijiet konkreti għat-tkabbir sostenibbli tal-akkwakultura globali li jikkomplementaw il-Linji Gwida Strateġiċi tal-Kummissjoni għal Akkwakultura tal-UE aktar sostenibbli u kompetittiva għall-perjodu 2021 sa 2030; JINNOTA l-pubblikazzjoni tal-Komunikazzjoni "Lejn settur tal-algi tal-UE b'saħħtu u sostenibbli"²⁴;

²⁴ COM(2022) 592 final

II. Ir-rota lejn is-sostenibbiltà tal-oċeani sal-2030

L-oċeani u t-tibdil fil-klima

28. JIRRIKONOXXI li l-oċean għandu rwol vitali bħala regolatur tal-klima u t-temperatura tal-pjaneta, u huwa l-bir tal-karbonju ewlieni tal-pjaneta u sors importanti tal-bijodiversità tagħha; u huwa wkoll ir-regolatur ewlieni tat-temperatura tal-pjaneta kif ukoll joffri l-qugh għall-effetti globali tat-tibdil fil-klima; JIBQA' ferm allarmat bl-effetti negattivi u li qed jizziedu tat-tibdil fil-klima u l-emissjonijiet ta' gassijiet serra fuq il-ħajja fl-oċeani u fl-ibħra, l-attivitajiet tal-bniedem u l-komunitajiet kostali, inkluż il-mewġ tas-sħana fl-ibħra, it-tiħin, l-aċidifikazzjoni u d-deossiġenazzjoni tal-oċeani, it-tidwib tas-silġ, it-taħlil tal-permafrost, l-għoli fil-livell globali tal-baħar u l-avvenimenti estremi b'rabta mal-livelli tal-baħar;
29. IFAKKAR fis-sejbiet tar-Rapport Speċjali tal-2019 dwar l-Oċean u l-Krijosfera (SROC) fi Klima li qed Tinbidel mill-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) u l-kontributi tat-tliet Gruppi ta' Ħidma għas-Sitt Rapport ta' Valutazzjoni tal-IPCC (AR6); JINSISTI fuq il-ħtieġa li jittieħed kont ta' dawn ix-xenarji mbassra tal-IPCC li huma konsistenti mal-għanijiet fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi fl-iżvilupp ta' politiki u azzjonijiet biex jittaffa t-tibdil fil-klima u biex isir adattament għall-konsegwenzi inevitabli tat-tibdil fil-klima;
30. IFAKKAR fil-"Patt Klimatiku ta' Glasgow" adottat fil-COP 26 li jstieden lill-programmi ta' ħidma u l-korpi kostitwiti rilevanti skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) biex jikkunsidraw l-integrazzjoni u t-tiħin tal-azzjoni bbażata fuq l-oċeani u d-deċiżjoni li jsir djalogu annwali dwar l-oċeani u t-tibdil fil-klima biex tissaħħaħ l-azzjoni ta' mitigazzjoni u adattament għat-tibdil fil-klima tal-oċeani; JILQA' B'SODISFAZZJON l-ewwel djalogu annwali li sar f'Bonn f'Ġunju 2022;

31. IFAKKAR fil-Valutazzjoni tal-Oċeani tad-Dinja tal-2021 (WOA II) bħala l-eżitu ewlieni tat-tieni ċiklu tal-Proċess Regolari tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rappurtar u l-Valutazzjoni Globali tal-Istati tal-Ambjent tal-Baħar;
32. JISĦAQ fuq ir-rabta bejn il-klima, il-bijodiversità u l-oċeani, u l-ħtieġa li jiġu identifikati, ivvalutati u indirizzati l-impatti kumulattivi u l-mekkaniżmi ta' feedback fuq il-bijodiversità u l-ekosistemi tal-baħar u s-servizzi tagħhom, inkluż il-punti kritiċi, u li jiġu żviluppati miżuri u azzjoni li jnaqqsu u jimmitigaw dawn l-impatti billi jużaw l-aħjar xjenza disponibbli;
33. JISĦAQ fuq il-ħtieġa li jiġu żviluppati u utilizzati soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura biex jittaffa t-tibdil fil-klima u tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-oċeani tagħna;
34. JILQA' B'SODISFAZZJON it-tnedija u l-attivitajiet imwettqa mill-Missjoni "Ir-restawr tal-Oċeani u l-Ilmijiet tagħna sal-2030"²⁵ kif ukoll tal-Missjoni "L-Adattament għat-Tibdil fil-Klima", b'mod partikolari l-azzjonijiet tagħha relatati mar-reżiljenza kostali rilevanti għall-azzjoni tal-oċeani; JAPPELLA lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati kollha biex jipparteċipaw f'dawn il-Missjonijiet u jgħaqqdu l-isforzi biex jitwettqu l-oġettivi tal-Missjonijiet billi jingħaqdu ma' azzjonijiet konkreti għall-Karti tal-Missjonijiet;
35. IFAKKAR fl-impenn tal-UE li tikseb in-newtralità klimatika sal-2050 inkluż permezz ta' enerġija sostenibbli u rinnovabbli lil hinn mill-kosta, id-dekarbonizzazzjoni tas-sajd, it-tbaħħir u attivitajiet marittimi oħra; JENFASIZZA l-impenn tal-UE u tal-Istati Membri tagħha li jappoġġaw ir-reviżjoni tal-istrateġija inizjali tal-OMI dwar l-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra (GHG) bil-ħsieb li jiġu eliminati gradwalment l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja mit-tbaħħir internazzjonali sa mhux aktar tard mill-2050 u b'mod konsistenti mal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi fir-rigward tat-temperatura inkluż l-għan li ż-żieda fit-temperatura tiġi limitata għal 1.5 °C;

²⁵ COM(2021) 609 final

36. JAPPOĠĠA t-tranżizzjoni tal-enerġija li twassal għad-dekarbonizzazzjoni għas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura; JISTIENEN lill-Kummissjoni biex tipproponi miżuri xierqa, inkluż it-tweqqif ta' studju speċifiku għas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura biex jiġi evalwat l-impatt tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra skont is-settur u biex jiġu analizzati l-ispejjeż u l-opportunitajiet li jirriżultaw minn opzjonijiet ta' politika disponibbli differenti għall-aċċellerazzjoni ta' din it-tranżizzjoni tal-enerġija fil-livell Ewropew, b'kont meħud tad-diversità u r-restrizzjonijiet speċifiċi kif ukoll il-potenzjal li jiġu żviluppati skemi ta' inċentivi u jiġi adattat l-appoġġ finanzjarju inkluż permezz tal-emendar tal-leġislazzjoni rilevanti li tikkontribwixxi għal din it-tranżizzjoni tal-enerġija, filwaqt li ma jiddgħajfux l-oġġettivi tal-Politika Komuni tas-Sajd;
37. JISĦAQ fuq l-importanza tad-dekarbonizzazzjoni tat-tbaħħir u t-trasport marittimu u l-mixja lejn l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, fjuwils b'livell baxx jew zero ta' gassijiet serra fuq bażi ta' ċiklu tal-ħajja biex jinkisbu l-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-miri fir-rigward tat-temperatura stabbiliti fil-Ftehim ta' Pariġi, inkluż, fil-futur, għal bastimenti mhux koperti minn rekwiżiti obbligatorji internazzjonali u tal-UE, soġġetti għal valutazzjoni tal-benefiċċji u l-impatti possibbli ta' tali espansjoni; JISTIENEN lill-Kummissjoni tikkunsidra miżuri possibbli għal appoġġ għat-tranżizzjoni tal-enerġija u d-dekarbonizzazzjoni, b'mod partikolari permezz tal-promozzjoni tar-riċerka, l-iżvilupp u l-investment għal teknoloġiji effiċjenti u innovattivi;

Il-ġlieda kontra t-tniġġis tal-baħar u tal-arja

38. JILQA' B'SODISFAZZJON il-pubblikazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, "Perkors għal Pjaneta b'Saħħitha għal Kulħadd - Pjan ta' Azzjoni tal-UE: "Lejn tniġġis żero għall-arja, għall-ilma u għall-ħamrija"²⁶ li ser tikkontribwixxi għat-titjib tal-ambjent tal-baħar fl-UE u lil hinn minnha;
39. JISSOTTOLINJA l-importanza li jissaħħu s-sinerġiji bejn SDG 6 u 14 biex titħaffef l-implimentazzjoni tal-miri relatati²⁷;

²⁶ COM(2021) 400 final

²⁷B'mod partikolari SDG 6.3 u 14.1

40. JENFASIZZA l-ħtieġa għal kollaborazzjoni reġjonali effettiva fi ħdan korpi ta' kooperazzjoni bħall-Konvenzjonijiet dwar l-Ibħra Reġjonali għall-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar u kostali; JAFFERMA MILL-ĠDID l-intenzjoni tal-UE li tissieħeb fil-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Baħar l-Iswed kontra t-Tniġġis;
41. JILQA' B'SODISFAZZJON id-deċiżjoni tat-78 sessjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar (MEPC) tal-OMI li tapprova l-istabbiliment ta' Żona ta' Kontroll tal-Emissjonijiet tal-Ossidi tal-Kubrit (SECA) fil-Mediterran kollu kemm hu, għall-adozzjoni f'Diċembru 2022 fid-79 sessjoni tal-MEPC u għad-dħul fis-seħħ sal-2025; JINKORAĠĠIXXI aktar ħidma fi ħdan il-Konvenzjoni ta' Barċellona tal-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent - Pjan ta' Azzjoni għall-Mediterran (UNEP-MAP) għall-istabbiliment possibbli fil-futur ta' Żona ta' Kontroll tal-Emissjonijiet tal-Ossidi tan-Nitroġenu (NECA) fil-Mediterran ibbażata fuq riċerka xierqa li tikkontribwixxi għal studju ta' valutazzjoni tal-impatt fil-fond u f'konformità mar-regoli tal-OMI;
42. JISSOTTOLINJA d-determinazzjoni tal-UE u tal-Istati Membri tagħha li jaħdmu fuq it-tlestija b'suċċess tal-ħidma tal-OMI dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-istorbju taħt l-ilma li għandhom impatt serju fuq il-bijodiversità tal-baħar; u JAPPOĠĠA l-istabbiliment ta' Żoni tal-Baħar Partikolarment Sensittivi (PSSA) futuri fil-Baħar Mediterran tal-Majjistral, fl-ilmijiet li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni ta' Franza, l-Italja, Spanja u Monaco, sabiex jiġu evitati u jitnaqqsu l-kollizzjonijiet bejn ċetaċċi u bastimenti kbar;
43. JENFASIZZA l-ħtieġa li jkomplu jittejbu r-rekwiżiti obbligatorji internazzjonali u tal-UE għall-bastimenti kummerċjali sabiex jipprevjenu u jkomplu jnaqqsu t-tniġġis tal-arja u tal-baħar billi jkomplu jaħdmu fuq, fost affarijiet oħra, l-istabbiliment ta' NECAs possibbli fil-futur ibbażati fuq studji ta' valutazzjoni tal-impatt f'konformità mar-regoli tal-OMI, billi jillimitaw r-rimi tal-ilma tal-ħasil mill-purifikaturi b'ċirkwit miftuħ f'ċerti żoni u billi jtejbu r-rekwiżiti tar-rimi tad-drenaġġ;

44. JILQA' B'SODISFAZZJON ir-Riżoluzzjoni 5/14 tal-Assemblea tan-NU għall-Ambjent (UNEA-5) biex jintemm it-tniġġis mill-plastik billi jiġi indirizzat iċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ tal-plastik u tinħoloq ekonomija ċirkolari tal-plastik, inkluż il-produzzjoni, id-disinn u l-konsum tiegħu u l-ġestjoni ambjentali tajba tal-iskart; ITENNI l-impenn tal-UE u tal-Istati Membri tagħha li jipparteċipaw b'mod attiv f'negozjati bl-għan li jikkonkludu Ftehim legalment vinkolanti internazzjonali u ambizzjuż biex jintemm it-tniġġis mill-plastik, inkluż fl-ambjent tal-baħar u, fejn fattibbli, it-tniġġis mill-plastik eżistenti, fiż-żmien stabbilit;
45. JILQA' B'SODISFAZZJON il-ħidma li qed titwettagħ bħala parti mill-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni tal-OMI biex jiġi indirizzat l-iskart tal-plastik fil-baħar minn bastimenti permezz ta' ebda rimi ta' skart tal-plastik fil-baħar mill-bastimenti sal-2025 u JIBQA' impenjat li jipparteċipa b'mod attiv fil-ħidma fuq il-miżuri li jindirizzaw l-eżiti mixtieqa tal-Pjan inkluż biex jissaħħaħ ir-rappurtar dwar l-irkaptu tas-sajd mitluf u l-immarkar obligatorju tal-irkaptu tas-sajd skont il-Konvenzjoni MARPOL f'kooperazzjoni mas-settur tas-sajd, l-RFMOs u l-Konvenzjonijiet dwar Ibħra Reġjonali;
46. JISĦAQ fuq il-ħtieġa li l-Istati Membri jwettqu esplorazzjoni xjentifika u jiżviluppaw l-Aħjar Prattika Ambjentali (BEP) kif ukoll l-Aqwa Tekniki Disponibbli (BAT) biex jindirizzaw il-kwistjoni ta' munizzjon konvenzjonali, kimiku u splussiv mormi fil-baħar u JITLOB il-kooperazzjoni attiva bejn l-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet internazzjonali sabiex tiġi stabbilita ġestjoni sistematika tal-materjal perikoluż mormi li huwa ta' theddida għall-ambjent tal-baħar, kif ukoll biex jiġu esplorati sorsi possibbli ta' finanzjament tal-UE;

III. L-iżgurar tas-sigurtà u s-sikurezza fuq il-baħar

Sigurtà Marittima

47. JINSAB imħasseb ferm dwar it-tensjonijiet ġeopolitiċi li qed jikbru u l-effett detrinentali tagħhom fuq is-sigurtà marittima kif muri mill-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, li aggravat in-nuqqas ta' stabbiltà u sigurtà b'mod partikolari fil-Baħar l-Iswed, il-Baħar ta' Azov u r-regġuni tal-Baħar Baltiku b'effetti kollaterali li jistgħu jaffettwaw il-baċiri li jmissu mal-Baħar Mediterran kollu kemm hu, il-Baħar tat-Tramuntana u l-Atlantiku;

48. JIRRIKONOXXI l-fatt li l-Istati Membri għandhom rekwiżiti marittimi speċifiċi ta' sigurtà u difiża nazzjonali li jridu jitqiesu;
49. IFAKKAR li s-sigurtà marittima hija parti integrali minn approċċ komprensiv għall-governanza tal-oċeani u li l-UE qed issaħħaħ ir-rwol tagħha bħala fornitur tas-sigurtà marittima globali fi ħdan il-fruntieri tagħha u lil hinn minnhom; f'dan ir-rigward, IFAKKAR ukoll li s-sħubija man-NATO tibqa' essenzjali inkluż fil-qasam marittimu, u f'konformità mal-Boxxla Strateġika tal-UE, li l-kooperazzjoni tagħna ta' benefiċċju reċiproku u l-ħidma komuni dwar it-tisħiħ tas-sigurtà marittima ser ikompli jseħħu skont il-prinċipji tal-inklużività, ir-reċiproċità, il-frankezza u t-trasparenza, kif ukoll l-awtonomija fit-teħid tad-deċiżjonijiet taż-żewġ organizzazzjonijiet; IFAKKAR ukoll li s-sħubija mal-OMI tibqa' wieħed mill-elementi ewlenin għall-prevenzjoni tat-tħeddid ta' atti illegali intenzjonali li jistgħu jaffettwaw il-bastimenti u l-faċilitajiet tal-portijiet; u JISSOTTOLINJA f'dan ir-rigward l-importanza tal-kontribut tal-awtoritajiet nazzjonali għat-titjib tas-sigurtà tal-vapuri u tal-faċilitajiet tal-portijiet;
50. IFAKKAR fl-importanza li jiġu ffaċilitati, kif xieraq, il-komunikazzjoni u l-koordinazzjoni bejn l-inizjattivi marittimi reġjonali tal-UE u tal-Istati Membri b'objettivi trażversali u li jsir użu sħiħ mill-politiki, l-għodod u l-istrumenti ċivili u militari kollha disponibbli tal-UE;
51. JISĦAQ fuq l-importanza u l-ħtieġa urġenti li tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-infrastrutturi marittimi kritiċi tal-UE, b'mod partikolari, bħall-cables u l-pipelines ta' taħt il-baħar, kif ukoll li jiżdiedu l-isforzi biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet taċ-ċibersigurtà fil-qasam marittimu; f'dan ir-rigward, JILQA' b'sodisfazzjon il-Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċ ikkoordinat mill-Unjoni biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika²⁸, u li f'dan il-kuntest JAPPELLA lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri urġenti u effettivi, u biex jikkooperaw ma' xulxin, mal-Kummissjoni u ma' atturi rilevanti oħra;

²⁸ 13713/22

52. JENFASIZZA li t-tiżni tal-interoperabbiltà u l-interkonnnettività tas-sistemi ta' sorveljanza marittima nazzjonali u fil-livell tal-UE kif sar possibbli permezz tal-proġett Ambjent Komuni għall-Qsim tal-Infommazzjoni ('CISE') huwa għan kostanti u ewlieni biex jissaħħa l-għarfien tad-dominju marittimu u b'hekk għal governanza marittima aħjar;
53. JISSOTTOLINJA l-kontribut tal-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta għas-sigurtà marittima tal-UE; JINKORAĠĠIXXI aktar żvilupp ta' inizjattivi għal kooperazzjoni msaħħa, skambju ta' esperjenzi u l-aħjar prattiki fost l-Istati Membri tal-UE f'dan il-qafas u JILQA' b'sodisfazzjon l-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar manwal prattiku għall-kooperazzjoni tal-gwardja tal-kosta²⁹;
54. JISTENNA B'INTERESS il-proposti mill-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli dwar l-aġġornament tal-Istrateġija tas-Sigurtà Marittima tal-UE u l-Pjan ta' Azzjoni tagħha;

Is-sikurezza fuq il-baħar u l-promozzjoni ta' kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti madwar id-dinja

55. JENFASIZZA li s-settur tas-sajd u dak tar-riċerka marittima kif ukoll marina fuq il-baħar huma kkaratterizzati minn kundizzjonijiet tax-xogħol diffiċli, perikolużi u ta' riskju għoli;
56. IFAKKAR li l-UE tippromwovi xogħol deċenti fis-sajd f'konformità mal-oġġettivi tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) u tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura (FAO) tan-NU; JILQA' b'sodisfazzjon il-pubblikazzjoni tal-Komunikazzjoni dwar xogħol deċenti madwar id-dinja għal tranżizzjoni globali ġusta u rkupru sostenibbli³⁰;
57. JILQA' B'SODISFAZZJON il-kodifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-livell minimu ta' taħriġ tal-baħħara fil-leġiżlazzjoni tal-UE³¹ wara l-Konvenzjoni Internazzjonali tal-1978 dwar Standards ta' Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa għall-Baħħara (Konvenzjoni STCW) tal-IMO;

²⁹ C(2021) 5310 final

³⁰ COM(2022) 66 final

³¹ Direttiva (UE) 2022/993 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2022 dwar il-livell minimu ta' taħriġ tal-baħħara, ĠU L 169, 27.6.2022, p. 45-90

58. JITLOB li titħaffef ir-ratifika tal-Ftehim ta' Cape Town tal-2012 tal-OMI li jistabilixxi standards ta' sikurezza għall-bastimenti tas-sajd;
59. JITLOB lill-Istati Membri biex jirratifikaw malajr il-Konvenzjoni 188 tal-ILO dwar ix-xogħol fis-settur tas-sajd, li tippermetti spezzjoni u kontroll mill-Istat tal-bandiera fir-rigward tal-istandards soċjali fuq il-bastimenti tas-sajd, kif ukoll tal-Konvenzjoni STCW-F tal-OMI dwar l-istandards tat-taħriġ u l-għassa għas-sajjieda; JISTIEDEN ukoll lill-Kummissjoni tikkunsidra t-traspożizzjoni fil-leġiżlazzjoni tal-UE tal-miżuri ta' spezzjoni u ċertifikazzjoni soċjali tal-Konvenzjoni 188 tal-ILO;

IV. It-tisħiħ tal-għarfien dwar l-oċeani

60. JILQA' B'SODISFAZZJON l-iffirmar tad-Dikjarazzjoni l-ġdida tal-Alleanza Trans-Atlantika għar-Riċerka u l-Innovazzjoni dwar l-Oċean li tistabilixxi triq komuni 'l quddiem għall-kooperazzjoni fir-riċerka dwar l-oċeani fl-Atlantiku, minn Pol sa Pol, għad-deċennju li ġej;
61. JAPPOĠĠA l-iżvilupp tal-infrastruttura ewlenija tad-Digital Twin Ocean Ewropew sal-2024 bħala kontributor għall-governanza tal-oċean globali u l-ekonomija blu sostenibbli, ir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima u l-konservazzjoni tal-bijodiversità, inkluż permezz tal-appoġġ tal-UE mill-Missjoni "Ir-Restawr tal-Oċeani u l-Ilmijiet tagħna sal-2030", in-Network Ewropew ta' Osservazzjoni u Data Marittima (EMODnet), u l-programmi spazjali Copernicus u Galileo, sabiex jinġabar flimkien l-għarfien dwar l-oċeani, jinħoloq mudell tal-oċean, jiġu ttestjati xenarji għal azzjonijiet u biex l-għarfien dwar l-oċeani jsir faċilment disponibbli għal dawk li jfasslu l-politika, xjenzati, partijiet ikkonċernati privati u ċ-ċittadini;
62. IFAKKAR li x-xjenza Ewropea fir-rigward tal-oċeani tikkontribwixxi għad-Deċennju tan-NU tax-Xjenza dwar l-Oċeani għall-Iżvilupp Sostenibbli (UN DOS) immexxi mill-IOC-UNESCO u għad-Deċennju tan-NU dwar ir-Restawr tal-Ekosistemi fl-appoġġ u l-gwida tal-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli, b'mod partikolari għal SDGs 13, 14 u 17;

63. JENFASIZZA l-ħtieġa ta' bastimenti tar-riċerka fl-Ewropa, u ta' mekkaniżmu ta' aċċess tranżnazzjonali għar-riċerkaturi Ewropej fuq bastimenti bħal dawn, kif ukoll ta' sistemi u pjattaformi ta' osservazzjoni awtonomi, fid-dawl tad-diversi rwoli li għandhom fl-appoġġ tax-xjenza tal-baħar u l-osservazzjoni tal-oċeani; JAPPELLA lill-Istati Membri biex jappoġġjaw infrastrutturi bħal dawn permezz ta' investimenti fit-tul;
64. JISTENNA B'INTERESS l-inizjattiva tal-Kummissjoni dwar l-osservazzjoni tal-oċeani bl-għan li jinkiseb approċċ koerenti għall-osservazzjoni Ewropea tal-oċeani;
65. JITLOB għal aktar sforzi biex tiżdied il-kooperazzjoni aktar mill-qrib fl-Ewropa u lil hinn minnha bejn ir-riċerkaturi, il-partijiet ikkonċernati, dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u ċ-ċittadini għat-tiżni tal-għarfien dwar l-oċeani; JAPPOĠĠA l-mobilizzazzjoni tal-pubbliku u b'mod partikolari taż-żgħażaġh, permezz tal-ħolqien u d-disinn konġunti, ix-xjenza taċ-ċittadini, l-edukazzjoni, il-litteriżmu u azzjonijiet ta' għarfien kif ukoll il-promozzjoni tal-amministrazzjoni u l-volontarjat attivi biex il-pubbliku jiġi involut u tiġi ffaċilitata l-katalizzazzjoni tal-bidla trasformattiva meħtieġa għar-restawr tal-oċeani u l-ilmijiet; JILQA' B'SODISFAZZJON il-kontinwazzjoni tal-isforzi ta' għarfien dwar l-oċeani fl-Ewropa permezz tal-inizjattiva mal-UE kollha "koalizzjoni EU4Ocean" li għadha fis-seħħ u l-Ftehim fis-seħħ bejn il-Kummissjoni u l-IOC-UNESCO għall-appoġġ u l-promozzjoni tal-inizjattiva ta' għarfien dwar l-oċeani fl-UE kollha (koalizzjoni EU4Ocean) bħala kontribut għall-UN DOS;
66. JISSOTTOLINJA li interfaċċa transdixxiplinari mix-xjenza għall-politika hija siewja għall-valutazzjoni tal-għarfien u għall-appoġġ tat-tfassil tal-politika sabiex jiġu promossi s-saħħa u s-sostenibbiltà tal-oċeani; JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tesplora l-fattibbiltà ta' interfaċċa transdixxiplinari mix-xjenza għall-politika fir-rigward tas-sostenibbiltà tal-oċeani bit-titolu "Bord Intergovernattiv għas-Sostenibbiltà tal-Oċeani" (IPOS), u biex tiegħu kont tal-għarfien espert rilevanti eżistenti, fost oħrajn il-ħidma tal-IPCC u l-IPBES relatata mal-oċeani u biex tirrikonoxxi l-ħidma ġenerali żviluppata taħt il-Proċess Regolari tan-NU għar-Rappurtar u l-Valutazzjoni Globali tal-Istat tal-Ambjent tal-Baħar.